

## AVVIŻ TA' POŻIZZJONI BATTALA

### MEMBRU INDIPENDENTI TAL-KUMITAT SUPERVIŻORJU TAL-KONTROPARTI ĊENTRALI (CCP) U DIRETTUR TAS-CCPs (F/M)

REF.: ESMA/2019/VAC19/AD15

<b>Tip ta' kuntratt</b>	Aġġent Temporanju <sup>1</sup>
<b>Grupp ta' funzjoni u grad</b>	AD15
<b>It-tul tal-kuntratt</b>	5 snin, bil-possibbiltà ta' estensjoni waħda <sup>2</sup>
<b>Il-post tal-impieg</b>	Pariġi, Franza
<b>L-iskadenza tal-applikazzjonijiet</b>	06/01/2020 (23:59, ħin lokali ta' Pariġi)
<b>Il-lista ta' riżerva valida sal-</b>	31/12/2020 <sup>3</sup>

#### 1. L-Awtorità

L-ESMA hija Awtorità indipendenti tal-UE bbażata f'Pariġi. Il-missjoni tal-ESMA hija li ssaħħaħ il-protezzjoni tal-investituri u tippromwovi swieq finanzjarji stabbli u ordnati. Din il-missjoni toħroġ mir-Regolament li joħloq l-ESMA<sup>4</sup> u tinkludi tliet għanijiet:

- Il-protezzjoni tal-investituri:** biex il-bżonnijiet tal-konsumaturi finanzjarji jinqdew aħjar u biex id-drittijiet tal-investituri jissaħħu filwaqt li jagħrfu r-responsabbiltajiet tagħhom;
- Is-swieq ordnati:** biex l-integrità, it-trasparenza, l-effiċjenza u l-funzjonament tajjeb tas-swieq finanzjarji u l-infrastruttura b'saħħiha tas-suq jiġu inkoraġġiti, u
- L-istabbilità finanzjarja:** biex is-sistema finanzjarja tissaħħaħ b'mod li tkun tiflaħ għall-iskossi u li tkun tista' ssib soluzzjoni għall-iżbilanċi finanzjarji filwaqt li jitrawwem it-tkabbir ekonomiku.

L-ESMA tikseb dawn l-objettivi permezz ta' erba' attivitajiet: (i) tivvaluta r-riskji għall-investituri, għas-swieq u għall-istabbilità finanzjarja, (ii) tiffinalizza ġabra unika tar-regoli għas-swieq finanzjarji tal-UE; (iii) tippromwovi l-konverġenza superviżorja; u (iv) tissorvelja entitajiet finanzjarji speċifiċi direttament.

L-ESMA twettaq il-missjoni tagħha fi ħdan is-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja (SESF) permezz tal-kooperazzjoni attiva mal-Awtoritajiet Nazzjonali Kompetenti (mar-regolaturi

<sup>1</sup> B'konformità mal-Artikolu 2(f) tal-Kundizzjonijiet tal-Implieg applikabbli għall-Aġġent I-Oħra (CEOS) tal-Unjoni Ewropea <https://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=CONSLEG:1962R0031:20140101:MT:PDF>

<sup>2</sup> B'konformità mal-punt 5 tal-Artikolu 24a tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament emendarju tal-Kunsill Nru 648/2012 fir-rigward tal-proċeduri u l-awtoritajiet involuti għall-awtorizzazzjoni ta' CCPs u r-rekiżi għarri-konoxximent ta' CCPs ta' pajjiżi terzi (aċċessibbli minn hawn: <https://data.consilium.europa.eu/doc/document/PE-88-2019-REV-1/mt/pdf>), il-mandat tal-President u tal-membri indipendenti tal-Kumitat Superviżorju tas-CCPs għandu jkun ta' ħamesn snin u jista' jiġi estiż darba.

<sup>3</sup> Il-validità tal-lista tista' tiġi estiżza.

<sup>4</sup> Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE.

tas-swieq tat-titoli) kif ukoll mal-Awtorità Bankarja Ewropea (ABE) u mal-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u I-Pensionijiet tax-Xogħol (EIOPA). L-ESMA għandha pożizzjoni unika fis-SESF fl-eż-żejt tar-responsabbiltajiet superviżorji diretti fil-livell tal-Unjoni fil-konfront ta' entitajiet speċifiċi bħall-aġenzi tal-klassifikazzjoni tal-kreditu, ir-repożitorji tat-tranżazzjonijiet u s-CCPs sistemikament importanti ta' pajiżi terzi.

Għal aktar informazzjoni nitolbuk tirreferi għas-sit web tal-ESMA: <http://www.esma.europa.eu>.

## 2. Il-Kumitat Superviżorju tas-CCP

Ir-rieżami tar-Regolament dwar l-Infrastruttura tas-Suq Ewropew (EMIR - European Markets Infrastructure Regulation - ir-Regolament UE (Nru) 648/2012) saħħaħ ir-rwol tal-ESMA fir-rigward tal-awtorizzazzjoni ta' CCPs stabbiliti fl-Unjoni (CCPs tal-UE) u r-rikonoxximent ta' CCPs ta' pajiżi terzi (CCPs ta' PT) u ta lill-ESMA ir-responsabbiltajiet superviżorji diretti fuq CCPs sistemikament importanti. B'rabta ma' dan, l-EMIR jipprevedi l-ħolqien ta' kumitat distint fi ħdan l-ESMA, il-Kumitat Superviżorju tas-CCP bl-iskop li jħejji abbozzi ta' deċiżjonijiet li jittieħdu mill-Bord tas-Superviżuri<sup>5</sup>, il-korp tal-ESMA li jieħu d-deċiżjonijiet, u biex iwettaq ċerti kompli.

Il-Kumitat Superviżorju tas-CCP huwa magħmul minn President, żewġ Membri Indipendenti u r-rappreżentanti tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti ma'CCP awtorizzat bħala membri bid-dritt tal-vot, kif ukoll banek ċentrali emittenti li jkunu talbu biex ikunu membri tal-Kumitat bħala membri mingħajr vot.

## 3. Il-qafas u l-profil tal-impieg

### *Il-Kumitat Superviżorju tas-CCP*

Il-kompli u r-responsabbiltajiet tal-Kumitat Superviżorju tas-CCP huma stipulati fl-[Artikolu 24a tal-]EMIR<sup>6</sup>, u jinkludu fost l-oħrajn:

- Iħejji abbozzi ta' deċiżjonijiet li jittieħdu mill-Bord tas-Superviżuri fir-rigward tas-CCPs ta' PT, fosthom ir-rikonoxximent tas-CCPs kollha tal-PT, is-superviżjoni ta' CCPs sistemikament importanti ta' PT (CCPs tal-Grad 2) u potenzjalment ir-rakkmandazzjoni li CCP ta' PT jenħtieġ li ma tiġix rikonoxxuta meta dik is-CCP jew uħud mis-servizzi tal-ikkirjar tagħha jkunu ta' importanza sistemikament sostanzjali. Kif inhu previst fl-EMIR, tali deċiżjonijiet u

<sup>5</sup> Il-Bord tas-Superviżuri huwa l-korp li jieħu d-deċiżjonijiet fi ħdan l-ESMA. Huwa ppresedut mill-President tal-ESMA u magħmul mill-kapipiet tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti (ANK) fl-Unjoni Ewropea (UE) u taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) responsabbi mir-regolamentazzjoni u mis-superviżjoni tat-titoli, flimkien mar-rappreżentanti mingħajr vot tal-Kummissjoni Ewropea, tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS), tal-Awtorità Bankarja Ewropea (ABE), tal-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u I-Pensionijiet tax-Xogħol (EIOPA) u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA).

<sup>6</sup> Referenzi għar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament emmendantorju tal-Kunsill Nru 648/2012 fir-rigward tal-proċeduri u l-awtoritajiet involuti għall-awtorizzazzjoni ta' CCPs u r-rekwiżiti għar-rikonoxximent ta' CCPs ta' pajiżi terzi (aċċessibbli minn hawn: <https://data.consilium.europa.eu/doc/document/PE-88-2019-REV-1/mt/pdf>)

rakkemandazzjonijiet se jiġu eżerċitati f'konsultazzjoni jew bi ftehim mal-banek ċentrali emittenti rilevanti u, fejn applikabbli, mal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS);

- Jippromwovi konverġenza superviżorja fost l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti fir-rigward tal-awtorizzazzjoni u s-superviżjoni tas-CCPs tal-UE billi (i) jagħmel rieżami bejn il-pari kull sena, (ii) jibda eżerċizzji ta' stress test tas-CCPs madwar l-Ewropa, (iii) iħejji abbozzi ta' opinjonijiet dwar abbozzi ta' deċiżjonijiet li jiġu ppreżentati mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti fir-rigward tas-CCPs tal-UE u (iv) jippromwovi skambji ta' informazzjoni dwar l-iżviluppi rilevanti relatati mas-CCPs tal-UE; kif ukoll
- Jitlob lill-Bord tas-Superviżuri biex jikkunsidra jekk l-adozzjoni tal-linji gwida, ir-rakkemandazzjonijiet u l-opinjonijiet tal-ESMA jkunu meħtieġa biex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' konverġenza u koerenza fl-applikazzjoni tad-dritt tal-UE fost l-awtoritajiet u l-kulleġġi kompetenti.

#### *II-Membri Indipendenti*

L-ESMA qiegħda torganizza proċedura tal-għażla għal żewġ pożizzjonijiet ta' “**Membri Indipendenti tal-Kumitat Superviżorju tas-CCPs u Direttur għas-CCPs**”.

Il-Membri Indipendenti tal-Kumitat Superviżorju tas-CCP huma professjonisti indipendenti full-time, membri tal-personal tal-ESMA, u bbażati f'Pariġi (Franza). Il-mandat tal-Membri Indipendenti huwa ta' ħames snin u jista' jiġi estiż darba għal 5 snin oħra.

Huma jinħatru mill-Bord tas-Superviżuri tal-ESMA wara l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew. Il-Membri Indipendenti jagħtu rendikont ta' ħidmiethom lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea. Jistgħu jitneħħew mill-kariga mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea biss, fuq proposta tal-Kummissjoni li tkun ġiet approvata mill-Parlament Ewropew.

Il-Membri Indipendenti u d-Diretturi għas-CCPs se jidher jaqdu d-dmir ta' membri b'vot tal-Kumitat Superviżorju tas-CCP taħt it-tmexxija tal-President tal-Kumitat Superviżorju tas-CCP.

#### **Id-dmirijiet ewlenin:**

Il-Membri Indipendenti u d-Diretturi għas-CCPs se jaqdu d-dmir ta' membri b'vot tal-Kumitat Superviżorju tas-CCP. Se jikkontribwixxu attivament għall-qadi tal-kompeti u tar-responsabbiltajiet tal-Kumitat Superviżorji tas-CCPs, b'konformità mal-mandat li jingħatalhom. B'mod partikolari, fost l-oħrajn il-kandidati li jintgħażlu se:

- Jikkontribwixxu attivament għall-qadi tal-kompeti u r-responsabbiltajiet tal-ESMA fir-rigward ta' (i) ir-rikonoxximent u s-superviżjoni tas-CCPs ta' PT u (ii) il-promozzjoni tal-konverġenza superviżorja bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti fir-rigward tas-CCPs

tal-UE, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-President tal-Kumitat Superviżorju tas-CCP;

- Jirrappreżentaw lill-ESMA fil-kulleġġi superviżorji tas-CCP; u
- Jissostitwixxu lill-President tal-Kumitat Superviżorju tas-CCP fl-eventwalitā tan-nuqqas/impediment milli jipparteċipa tiegħu/tagħha.

Barra minn hekk, fil-kapaċitā tagħhom bħala Diretturi tas-CCPs, il-kandidati li jintgħażlu sejkun responsabbi partikolarment:

- Imexxu parti mill-persunal tal-ESMA li jaħdem mal-Kumitat Superviżorju tas-CCP taħt it-tmexxija tal-President tal-Kumitat Superviżorju tas-CCP;
- Imexxu u jiggwidaw it-ħejjija ta' abbozzi ta' deċiżjonijiet fir-rigward tas-CCPs ta' Pajjiżi Terzi, fosthom kwalunkwe attivitā relatata mas-superviżjoni tas-CCPs tal-Grad 2;
- Imexxu u jiggwidaw it-ħejjija ta' abbozzi ta' opinjonijiet fir-rigward tas-CCPs tal-UE, fosthom kwalunkwe attivitā relatata mal-konverġenza superviżorja, bħar-rieżami bejn il-pari; u
- Imexxu u jiggwidaw it-ħejjija ta' analiżi tar-riskju li tappoġġa l-abbozzi tad-deċiżjonijiet u l-attivitajiet relatati mas-CCPs, fosthom l-eżerċizzi ta' stress tests madwar l-UE;

Il-Membri Indipendenti tal-Kumitat Superviżorju tas-CCP jeżerċitaw id-dmirijiet tagħhom b'kooperazzjoni mill-qrib mal-President u d-Direttur Eżekuttiv tal-ESMA u b'kunsiderazzjoni xierqa għad-dmirijiet tagħhom kif spjegati fir-Regolament ESMA.

#### 4. Il-kwalifikasi professjonal u rekwiżiti oħra

##### A. Il-kriterji ta' eliġibbiltà

Biex jitqiesu eliġibbli l-kandidati jridu jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibbiltà kollha mniżżla aktar 'l isfel sad-data tal-iskadenza tas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet:

- ikollhom livell ta' edukazzjoni li tal-anqas ikun jikkorrispondi għal studji universitarji ta' **erba' snin** ikkompletati u mixhuda b'diploma<sup>7</sup>, u **ħmistax-il sena** ta' esperjenza professjonalı mixhuda<sup>8</sup>, wara l-kisba tad-diploma, **f'uħud mill-oqsma jew fl-oqsma kollha koperti mid-deskrizzjoni tal-impjieg; JEW**
- ikollhom livell ta' edukazzjoni li tal-anqas ikun jikkorrispondi għal studji universitarji ta' **tliet snin** ikkompletati u mixhuda b'diploma<sup>9</sup>, u sittax-il sena ta' esperjenza professjonalı

<sup>7</sup> Il-kwalifikasi li jkunu ngħataw fl-Istati Membri tal-UE jew li jkunu suġġetti għal ċertifikati ta' ekwivalenza maħruja mill-awtoritajiet ta' wieħed minn dawn l-Istati Membri biss għandhom jitqiesu.

<sup>8</sup> Għal aktar informazzjoni dwar l-ikkalkular tal-esperjenza professjonalı nitolbuk tikkonsulta mal-dokument tal-“Linji gwida tal-kandidati” ppubblifikat fuq is-sit web tal-ESMA <https://www.esma.europa.eu/about-esma/careers>

<sup>9</sup> Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 7.

mixhuda<sup>10</sup>, wara l-kisba tad-diploma, **f'uħud mill-oqsma jew fl-oqsma kollha koperti mid-deskrizzjoni tal-impjieg;**

- ikunu ċittadini ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew taż-ŻEE (in-Norveġja, il-Liechtenstein, l-Iżlanda);
- ikollhom id-drittijiet kollha bħala ċittadini<sup>11</sup>;
- ikunu ssodisfaw kwalunkwe obbligu impost mil-ligijiet applikabbi dwar is-servizz militari;
- ikollhom għarfien fil-fond ta' waħda mill-ilsna tal-Unjoni Ewropea<sup>12</sup> u għarfien bizzżejjed<sup>13</sup> ta' lsien ieħor tal-Unjoni Ewropea, u
- ikunu fiżikament b'saħħithom biex jaqdu d-dmirijiet marbuta mal-pożizzjoni<sup>14</sup>.
- ikunu jistgħu jtemmu l-mandat ta' ħames snin qabel ma jilħqu l-età tal-irtirar<sup>15</sup>.

### L-indipendenza u d-dikjarazzjoni tal-nteressi

Il-Membri Indipendenti se jintalbu jagħmlu dikjarazzjoni li torbothom li jaġixxu b'mod indipendent i-favur l-interess pubbliku u dikjarazzjoni fir-rigward ta' kull interess li jista' jitqies ta' ħsara għall-indipendenza tagħhom. L-applikanti jridu jikkonfermaw ir-rieda tagħhom li jagħmlu dan fil-applikazzjoni tagħhom. Meta jinħatar, il-Membri Indipendenti se tkun/ikun suġġett/a għar-Regolamenti u l-Kondizzjonijiet tal-Impljieg ta' Aġenti Oħra, b'mod aktar speċifiku t-Titolu II tagħhom u l-Gwida Etika tal-Persunal tal-ESMA.

### B. Il-kriterji tal-għażla

#### IL-FAŻI TA' QABEL L-ISKRINJAR

L-applikazzjonijiet li jissodisfaw il-Kriterji tal-Eliġibbiltà ta' hawn fuq (il-parti A) se jiġu vvalutati fir-rigward tar-Rekwiżiti essenzjali (il-parti B.1). Il-kandidati li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti essenzjali kollha (il-parti B.1) se jiġu eskuži mill-proċess tal-għażla.

Il-kandidati li jissodisfaw ir-rekwiżiti essenzjali kollha (il-parti B.1) se jiġu evalwati fir-rigward tar-rekwiżiti vantaġġużi (il-parti B.2). Fil-kuntest tal-evalwazzjoni komparattiva tal-applikazzjonijiet, sa l-aħjar 10 kandidati li jiksbu l-aħjar punteggj jiġu mistiedna għall-intervisti.

#### B.1. Rekwiżiti essenzjali

- Mill-ħmistrox-il sena ta' esperjenza (mitluba skont 4.A aktar 'il fuq), tal-anqas ħames snin jridu jkunu nkisbu f'livell għoli fil-qasam tas-servizzi finanzjarji jew ta' wara n-negozjar (kemm fis-settur pubbliku jew f'dak privat);
- Esperjenza sinifikanti f'pożizzjoni ta' maniġment għal tal-anqas 5 snin<sup>16</sup>;

<sup>10</sup> Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 8.

<sup>11</sup>Qabel il-ħatra, il-kandidat li tintgħażel/jintgħażel se tintalab/jintalab tagħti/jagħti kondotta tal-pulizija li tikkonferma n-nuqqas ta' kwalunkwe fedina penali.

<sup>12</sup> L-ilsna tal-UE huma dawn: Il-Bulgaru, il-Kroat, iċ-Ċek, id-Daniż, in-Netherlandiż, l-Ingliż, l-Estonjan, il-Finlandiż, il-Franċiż, il-Ġermaniż, il-Grieg, l-Ungar, l-Irlandiż, it-Taljan, il-Latvjan, il-Litwan, il-Malti, il-Pollakk, il-Portugiż, ir-Rumen, is-Slovakk, is-Sloven, l-Ispanjol u l-Iżvediż.

<sup>13</sup>Tal-anqas livell C1, skont il-Qafas Komuni Ewropew ta' Referenza għal-Lingwi:

<http://europass.cedefop.europa.eu/en/resources/european-language-levels-cefr>

L-ħarfien tat-2<sup>nd</sup> Isien tal-UE tal-kandidati li jiġu mistiedna għall-intervisti se jiġi t-testjat fil-livell mitkellem.

<sup>14</sup>Qabel ma ssir il-ħatra, il-kandidat li tintgħażel/jintgħażel għandha/għandu tiġi/jiġi eżaminat/a minn wieħed miċ-ċentri mediċi tal-UE sabiex jiġi kkonfermat li l-kandidat tissodisfa/jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 12(2) (d) tas-CEOS (is-saħħha fiżika għall-qadi tad-dmirijiet).

<sup>15</sup> L-età tar-irtirar tal-aġġenti temporanji hija definita bħala l-aħħar tax-xahar ta' meta l-persuna tagħlaq is-66 sena.

<sup>16</sup> Nitolbuk tindika l-għadd ta' rapporti diretti u indiretti.

c) Ingliż miktub u mitkellem eċċellenti<sup>17</sup>.

## B.2. Rekwiżiti vantaġġużi

- a) Għarfien fil-fond tal-qafas tal-UE għas-superviżjoni, is-sorveljanza u r-regolamentazzjoni dwar l-ikklerjar, ta' wara n-negozjar, dwar is-superviżjoni prudenzjali jew is-servizzi finanzjarji, u għarfien mixhud f'dawn l-oqsma;
- b) Esperjenza fil-fond rilevanti għas-superviżjoni tas-CCP ibbażata fuq ir-riskju fil-livell nazzjonali, tal-UE u f'dak internazzjonali (bħall-infrastruttura tas-suq finanzjarju, il-ġestjoni tar-riskju, is-superviżjoni prudenzjali, iżda mhux limitata għal dawn);
- c) Fehim fil-fond tal-istituzzjonijiet tal-UE u tal-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE;
- d) Esperjenza ta' xogħol mixhuda f'ambjent multikulturali;
- e) Sens qawwi ta' responsabbiltà, inizjattiva u awtomotivazzjoni; kif ukoll
- f) Hiliex tajjeb minnha tħalli kif ukoll.

## B.3. Rekwiżiti supplimentari

- k) Ħila mixhuda għat-tmexxija u l-motivazzjoni tad-dmirijiet u l-objettivi sinifikanti u t-tmexxija tal-persunal fil-ksib tal-objettivi (ħiliet maniġerjali);
- l) Hiliex eċċellenti fl-oqsma tal-komunikazzjoni u l-preżentazzjoni bil-kapaċità ta' komunikazzjoni ċara u l-preżentazzjoni semplicei ta' suġġetti kumplessi, kemm bil-mitkellem kif ukoll bil-miktub, kemm jekk fil-pubbliku jew f'laqgħat ma' partijiet ikkonċernati interni jew esterni (ħiliet ta' komunikazzjoni);
- m) Hiliex interpersonali eċċellenti, fosthom il-kapaċità li jsiru negozjati ma' rappreżentanti tal-gvern kif ukoll ma' partijiet interessati u ma' rappreżentanti tal-industrija finanzjarja ġewwa l-UE u lil hinn minnha (ħiliet interpersonali); u
- n) Il-ħila mixhuda li jittieħdu deċiżjonijiet fil-livell strateġiku u politiku u esperjenza ta' xogħol f'ambjent multikulturali.

## IL-FAŻI TAL-INTERVISTI

Il-kandidati li jiġu mistiedna għall-intervisti se jiġi vvalutati fir-rigward tal-kriterji kollha tal-għażla (il-partijiet B1 u B2 u B3).

Sa sitt kandidati li jingħataw tal-anqas 60 % tal-punti massimi fl-intervista se jiġu inklużi fil-lista ta' riżerva.

Fil-fatt, il-kumitat tal-għażla se joħloq lista mqassra magħmulu minn mhux aktar minn sitt kandidati magħżula li se jiġu mistiedna jagħtu preżentazzjoni dwar suġġett predefinit (segwita minn intervista) mill-Bord tas-Superviżuri tal-ESMA. Dawn il-preżentazzjonijiet u l-intervisti se jseħħu fl-istess jum. Is-suġġett tal-preżentazzjoni se jiġi kkomunikat lill-kandidati magħżula fil-lista mqassra fl-istedina għall-intervista mal-Bord tas-Superviżuri.

Qabel jinħatar, il-kandidat magħżul mill-Bord tas-Superviżuri tal-ESMA għandu jkun suġġett

<sup>17</sup> Tal-anqas fil-livell B2.

L-Ingliż huwa l-ilsien ta' ħidma interna tal-ESMA, kif kien ġie deċiż mill-Bord tat-Tmexxja tal-ESMA permezz tad-deċiżjoni ESMA/2011/MB/3 tal-11/01/2011. Din id-deċiżjoni timplimenta l-Artikolu 73(2) tar-Regolament ESMA Nru 1095/2010 li jistabbilixxi lill-ESMA.

għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew. Il-kandidati li jiġu approvat mill-Parlament Ewropew se jiġu inkoraġġiti jibdew il-kariga tagħhom mill-aktar fis possibbi.

Il-lista ta' riżerva li tinħoloq tista' tintuża għar-reklutaġġ ta' pożizzjoni simili skont il-ħtiġijiet tal-ESMA. Nitolbok tinnota li l-inklużjoni fil-lista ta' riżerva ma tiggarantixx ir-reklutaġġ.

Il-proċedura tal-għażla hija suġġetta għall-adozzjoni u d-dħul fis-seħħi tal-abbozz tar-regolament li jemenda r-Regolament 648/2012 fir-rigward tal-proċeduri u tal-awtoritajiet involuti għall-awtorizzazzjoni tas-CCPs u r-rekwiżiti għar-rikonoxximent tas-CCPs ta' pajjiżi terzi (jiġifieri EMIR 2.2)<sup>18</sup>.

### **Opportunitajiet indaqs**

L-ESMA tapplika politika ta' opportunitajiet indaqs.

#### **5. Kif tapplika**

It-taqsimiet kollha tal-applikazzjoni jridu jimtlew bl-Ingliż. Sabiex jitqiesu l-applikazzjonijiet għandhom jaslulna fuq [executive-recruitment@esma.europa.eu](mailto:executive-recruitment@esma.europa.eu) sa 23:59:59 CET sad-data tal-ġħeluq. Nagħtu parir lill-kandidati biex jissottomettu l-applikazzjonijiet tagħhom ferm qabel l-iskadenza sabiex jevitaw problemi potenzjali.

Nitolbuk tinnota li l-korrispondenza kollha se ssir permezz tal-posta elettronika, u b'hekk il-kandidati jenħtieġ li jiżguraw li l-indirizz elettroniku assoċjat mal-kont tal-applikant ikun korrett u jiġi ċċekkja regolarmen. L-applikanti se jiġu vvalu tati abbażi tal-eliġibbiltà u l-kriterji tal-ġħażla li huma speċifikati fl-avviż tal-pożizzjoni battala u dawn iridu jiġu ssodisfati sal-iskadenza għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet.

#### **6. Sinteżi tal-kundizzjonijiet tal-impjieg**

- Il-kandidati esterni li jintgħażlu jistgħu jingħataw kuntratt ta' xogħol għal ġames snin bħala aġġent temporanju bil-possibbiltà ta' estensjoni waħda.
- Il-kandidati esterni li jintgħażlu se jiġu rreklutati fil-grad u klassifikati fl-iskala 1 jew 2.

Grad/iskala	Ir-rekwiżiti minimi għall-klassifikazzjoni fl-iskala <sup>19</sup> (Il-livell mitlub tal-istudji universitarji + l-għadd minnu ta' snin ta' esperienza wara l-lawrja tal-università)	Is-salarju nett ta' kull xahar mingħajr allowances <sup>20</sup>	Is-salarju nett ta' kull xahar, inkluż allowances speċifiċi <sup>21</sup>
AD15 skala 1	Lawrja universitarja ta' 4 snin + 15 sena esperienza	EUR 12,300	EUR 17,210
AD15 skala 2	Lawrja universitarja ta' 4 snin + 21 sena esperienza	EUR 12,625	EUR 17,680

<sup>18</sup> Aċċessibbli minn hawn <https://data.consilium.europa.eu/doc/document/PE-88-2019-REV-1/mt/pdf>

<sup>19</sup> Id-Deċiżjoni tal-Bord tat-Tmexxija tal-ESMA ESMA/2011/MB/55, li tadotta r-regoli ta' implementazzjoni dwar il-klassifikazzjoni fil-grad u l-iskala meta tinħatar persuna jew meta tingħata impenn - Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (C(2004) 1313 of 07/04/2004): [https://www.esma.europa.eu/sites/default/files/library/ta\\_rules\\_on\\_classification\\_in\\_grade\\_and\\_step.pdf](https://www.esma.europa.eu/sites/default/files/library/ta_rules_on_classification_in_grade_and_step.pdf)

<sup>20</sup> Stima tas-salarju nett, inkluż il-koeffċient tal-korrezżjoni għal Franzia, it-tnaqqis b'raba mat-taxxa u s-sigurtà soċjali, mingħajr beneficiċċi (din l-istima għiet ikkalkolata għal kandidat li ma jkunx intitolat allowance tal-espatriazzjoni fi Franzia u li ma jkollux familja).

<sup>21</sup> Stima tas-salarju nett, fosthom il-koeffċient tal-korrezżjoni għal Franzia, it-tnaqqis b'raba mat-taxxa u s-sigurtà soċjali u ż-żieda tal-allowances (din l-istima għiet ikkalkolata mingħajr l-allowance tal-espatriazzjoni, l-allowance tal-unità domestika u b'allowance ta' wild dippendenti wieħed). Fi kwalunkwe każ-żi l-allowances jiddepen fuq is-sitwazzjoni personali tal-kandidat.

## Kundizzjonijiet Finanzjarji

- Bħala Membru Indipendenti tal-Kumitat Superviżorju tas-CCP u Direttur għas-CCPs, il-kandidat li tintgħażel/jingħażel għandha/għandu tkun/jkun intitolat(a) li tingħata/jingħata allowance maniġerjali li tikkorrispondi għal 4.2 % tas-salarju bażiku, bil-kundizzjoni tat-tlestitja b'succcess tal-perjodu ta' prova maniġerjali ta' disa' xhur<sup>22</sup>.
- Is-salarju bażiku ta' kull xahar niġi mmultiplikat bil-koeffiċjent tal-korrezzjoni għal Franza (li bħalissa jlaħħaq il-116.7%).
- Is-salarji huma suġġetti għal taxxa tal-Unjoni li titnaqqas minn ras il-għajnej u huma eżentati mit-tassazzjoni nazzjonali.
- Skont is-sitwazzjoni familiali tal-individwu u l-post minn fejn joriġina, min jintgħażel għal dan l-impieg jista' jkun intitolat għal: allowance tal-espatrijazzjoni (16 % tas-salarju bażiku), allowance tal-unità domestika, allowance għal ulied dipendenti, allowance għall-edukazzjoni, allowance għall-perjodu qabel l-iskola, gratifika ta' insedjament, rimborż tal-ispejjeż tal-ġarr, indenniżz tas-sussistenza inizjali ta' kuljum, u beneficiċċi oħra.

## Liv, Pensjonijiet u Assigurazzjoni tas-Saħħa

- L-intitolament ta' liv annwali ta' jumejn kull xahar kalendarju flimkien ma' jiem addizzjonal għall-età, il-grad, jumejn u nofs (2,5) għall-pajjiż tal-oriġini jekk applikabbi, u miżjudha mal-medja ta' 17-il jum vaganza tal-ESMA kull sena;
- L-Iskema tal-Pensjoni tal-UE (wara 10 snin ta' servizz);
- Reġim Komuni tal-UE tal-Assigurazzjoni tal-Mard (RKAM), kopertura għal inċidenti u mard fuq ix-xogħol, allowance għall-qgħad u l-invalidità u assigurazzjoni, u
- Taħriġ professionali ġenerali u applikabbi, u opportunitajiet ta' żvilupp professionali.

Għal aktar informazzjoni, nitolbuk tirreferi għall-paġna tal-ESMA dwar il-karrieri:

<https://www.esma.europa.eu/about-esma/careers>

## 7. Protezzjoni tad-data

Id-data personali tal-kandidati tiġi pproċessata skont ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fizċi firrigward tal-ipproċċesar ta' data personali mill-ištazzjonijiet, korpi, ufficċċi u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data. Dan jaapplika b'mod partikolari għall-kunfidenzjalità u għas-sigurtà ta' din id-data. Għal aktar informazzjoni, nitolbuk tagħti ħarsa lejn [I-istqarrija tal-privatezza dwar il-proċeduri tar-reklutaq](#).

<sup>22</sup> Inkluża fil-kalkolu ta' hawn fuq